Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd



Werrej: Paġna


- Lista tal-Kunsillieri u L-Amministrazzjoni 2
- Agenda 3
- Rapport ta' Ħidma 2011 4-5
- Rapport Operattiv 2011 u Estimi Finanzjarji 2012 6-8

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

*Sindku*
Is-Sur Joseph Farrugia

*V/Sindku*
Is-Sur Joseph Baldacchino

*Kunsillieri*
Is-Sinjura Bernardette Pace
Is-Sinjura Sarah Cuschieri
Is-Sur Jesmond Borg
Is-Sur Anthony Roberts
Is-Sur Rocco Zahra

*Segretarju Eżekuttiv*
Is-Sinjura Maria Galea

*Skrivani*
Is-Sinjura Stephanie Aloisio
Is-Sinjura Simone Fenech

*Skrivani Casual Part-Time*
Is-Sinjura Eleanor Manicaro
Is-Sinjorina Kimberly-Jo Fenech

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

Avviż tal-Laqgħa Pubblika :

Is-Sindku u l-Kunsillieri jistiednu lill-pubbliku ta' Birżebbuġa li jidhru fir-Reġistru tal-Kunsilli Lokali sabiex jattendu Laqgħa Pubblika skond kif stipulat fl-Att XV ta' 1993 għal Kunsilli Lokali. Il-Laqgħa ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 fis-Sala tal-Komunita' fis-6.00 ta' filgħaxija.

Aġenda:

1. Indirizz mis-Sindku
2. Qari ta' Rapport ta' Ħidma 2011
3. Prezentazzjoni tar-Rapport Operattiv u Estimi Finanzjarji
4. Diskussjoni / Suġġerimenti / Ilmenti

# Kunsill Lokali Birzebbuga
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## **Rapport ta' hidma tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**
## **Sena 2011**

Regghet ghaddiet sena ohra ta' hidma kontinwa fil-lokalita'; hidma sabiex naraw il-lokal taghna dejjem miexi 'l quddiem u r-raguni ahharija hi dik li jkollna lokal denju ghalikom ir-residenti.

Bhal kull sena l-prijorita' tal-Kunsill Lokali kienet fuq it-toroq taghna. Il-Kunsill ha hsieb jidhol fi progett bi shab mal-Gvern sabiex jigu asfaltati Dawret il-Qalb Imqaddsa, il-Bajja s-Sabiha u Misrah is-Summit, fejn il-Gvern johrog 20% tal-ispiza tat-triq u l-Kunsill johrog il-bqija tal-ispiza u l-ispiza kollha tal-bankini nvoluti. Bla dubju progett li ser jiswa lill-Kunsill spiza enormi. Spiza li ser tingarr fuq tmien snin. Sa issa tlestiet Dawret il-Qalb Mqaddsa. Hu ppjanat li z-zewg toroq l-ohra jitlestew sa mhux aktar tard minn Gunju 2012. Ukoll saret il-bankina mill-gdid ta' Triq it-Tankijiet. Dan kien progett iffinanzjat mill-*Urban Improvement Fund* fi hdan il-MEPA. Bqajna naghmlu pressjoni sabiex jitlesta x-xoghol fi Triq Birzebbuga….u fl-ahhar irnexxielna! Ghalkemm waqt ix-xoghol inkixfu problemi li ma kellniex kontroll fuqhom, issa ghandna triq li tixraq lil hrug principali tal-lokal. Ukoll matul is-sena kontinwament sar *patching* kull fejn ikun hemm bzonn u manutenzjoni ta' bankini u kaptelli.

Il-Kunsill Lokali kompla ghaddej bix-xoghol tieghu, xoghol li ghalkemm ma tantx jidher hu xoghol ta' kuljum u bzonnjuz hafna ghal-lokalita'. Xoghol ta' gbir ta'skart, kemm goff, riciklat u organiku, manutenzjoni ta' *playing-fields* u gonna skont il-bzonn, thawwil u zbir ta' sigar u pjanti, bdil ta' sinjali tat-traffiku, zbigh tas-sinjali tat-toroq, immaniggar tat-traffiku, zbigh ta' *railing* tal-prominad u bankijiet minn Wied il-Buni sal-Bajja ta' San Gorg, zbigh ta' cnut u bankijiet gewwa d-diversi gonna tal-lokal kif ukoll zbigh ta' arbli madwar Birzebbuga kollha, knis u qtugh ta' haxix fit-toroq, zamma ta' indafa f'postijiet pubblici, bdil ta' lampi maqtugha kemm dawk tal-*istreet lighting* kif ukoll tal-arbli ornamentali u twahhil ta' lanterni godda f'diversi toroq.

Dan kien kollu xoghol li jaqa' taht il-funzjoni diretta tieghu. Dak ix-xoghol li kull Kunsill hu marbut li jaghmlu skont il-ligi. Pero' l-Kunsill ma waqafx hawn, mar *oltre* minn hekk, applikajna u hadna fondi ghal tlett skemi mahruga mill-Gvern Centrali. Fondi ghal accessibbilta' ahjar fil-lokal fejn ser issir bandla ghat-tfal bi bzonnijiet specjali fi Gnien Profs. Anton Tabone, fondi ghall-progetti ta' energija alternattiva fejn twahhlu pannelli fotovoltaci ghall-ufficini tal-Kunsill Lokali u fondi ghall-attivitajiet fejn ser terga' tittella' l-attivita' *Ingeddu Tfulitna*. Dhalna wkoll bi shab mal-Awtorita' tad-Djar fi progett ghal-rigenerazzjoni tal-Binjiet tal-Oqsma tal-Gvern fejn ghinghatajna fondi sabiex nibnu mill-gdid il-*boundary wall* Qasam tal-Bini tal-Gvern. Progett iehor li l-Kunsill Lokali applika

ghalih bi shab mal-GAL Xlokk hu dak ta' asfaltar ta' sqaqien, progett li ghad m'ghandniex risposta fuqu.

Apparti dawn il-progetti kollha l-Kunsill Lokali ghadu jistenna l-approvazzjoni tal-MEPA fuq tlett progetti li issemmew fir-rapport tas-sena l-ohra; irrangar tac-*chainlink fencing* tal-*ground*, irrangar tac-*chainlink fencing* u bdil ta' ranpi fl-*iskateboard pitch* kif ukoll kontinwazzjoni tal-*promenade* u parkegg kbir f'Wied il-Buni; ….applikazzjonijiet li donnhom ma jridu jintemmu qatt… bil-MEPA dejjem titlob aktar pjanti u dettalji….nisperaw li naraw dawn il-progetti jsiru realta' ghal gid ta' kulhadd.

Il-Kunsilliera taghna apparti li jsegwu mill-qrib ix-xoghol li jkun ghaddej kontinwament jattendu laqghat, seminars u korsijiet li jigu organizzati lilhom sabiex itejbu hidmiethom. Tajjeb tkunu tafu li l-Kunsill Lokali segwa mill-qrib l-applikazzjonijiet li saru l-MEPA fuq zvilupp u oggezzjona fejn ra li bl-izvilupp propost ser ikunu milquta hazin ir-residenti. Din is-sena kienet karatterizzata mill-appell tal-Kunsill Lokali flimkien mal-Birzebbuga Environment Action Group kontra l-Port Hieles. Appell sabiex jigi rtirat permess sabiex il-Port Hieles ikompli jikber lejn l-abitat. Appell li ghadna ghaddejjin bih. Ukoll il-Kunsill bi shab ma' Kunsilli ohra girien u bl-ghajnuna tal-Perit Carmel Cacopardo oggezzjonajna u kkommissjonajna studji sabiex il-Power Station ma tigix accettata li tahdem bil-*heavy fuel oil* izda b'energija aktar nadifa. Ghalkemm tajna punti u fatti validi sabiex jaccettaw il-proposti taghna l-MEPA xorta harget il-permess (ghal zmien ta' prova) sabiex il-Power Station tahdem bil-*heavy fuel oil.* Lehen il-Kunsill Lokali f'dawn il-gliediet kien il-lehen tieghek bhala resident u ghalkemm mhux dejjem gibnijha zewg mhux ser naqtghu qalbna imma ser inkomplu nissieltu ghall-gid taghkom b'kull mezz possibbli.

Matul is-snin il-Kunsill dejjem hadem mill-qrib mal-Ghaqdiet u z-zghazagh kif ukoll offra s-Sala tal-Komunita' b'xejn lil Ghaqdiet Volontarji tal-lokal. Ta min jghid ukoll li l-Kunsill organizza diversi attivitajiet kulturali socjali u edukattivi kif ukoll korsijiet diversi kemm ghall-adulti kif ukoll ghat-tfal. Offrejna s-servizz ghall-anzjani tat-tilqima kontra l-influwenza u bghatna *Birthday Cards* lill-anzjani kollha. Ukoll kontinwament matul is-sena qassamna boroz tar-riciklag lir-residenti mill-Ufficcju Amministrattiv.

Tajjeb infakkru li l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali dejjem miftuh ghalikom ir-residenti sabiex tinqdew. Nilqghu l-ilmenti u s-suggerimenti ta' kulhadd u naqdukom mill-ahjar li nistghu. Niskuzaw ruhna jekk forsi ma lhaqniex l-aspettattivi taghkom jew ma nqdejtux f'dak li xtaqtu pero' zgur li ma kienx minhabba negligenza min-naha taghna. Nixtieqkom tifhmu li hemm proceduri u ligi li wiehed irid isegwi u ghaldaqstant mhux dejjem ikun possibbli li dak li tixtiequ jsir realta' mil-lum ghal ghada.

Dan ix-xoghol kollu kien possibbli biss ghall-hidma dedikata tas-Sindku u l-kunsillieri flimkien mas-segretarjat. Hidma kontinwa li naghmlu mill-qalb. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod taw l-ghajnuna volontarja taghhom lill-Kunsill Lokali.

Naghlaq billi f'isem is-Sindku u l-kunsillieri nirringrazzjakom tal-fiducja li dejjem urejtu fihom u talli ghogobkom tattendu ghal din il-laqgha.

Grazzi.

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2011 (Euro) | b<br>ACTUAL Jan-Sep 2011 (Euro) | Forcast Oct-Dec 2011 (Euro) | | c<br>BUDGET 2012 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 613,163.00 | 459,602.00 | 153,560.00 | | 647,286.00 |
| 0002 | Supplementary | 83,790.00 | | | | 183,600.00 |
| 0003 | Special needs | | | | | |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | 88.00 | 500.00 | | |
| | | **696,953.00** | **459,690.00** | **154,060.00** | | **830,886.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 10,000.00 | 6,969.00 | 5,000.00 | | 10,000.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 60,000.00 | 60,109.00 | 20,500.00 | | 20,000.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | | |
| 0110 | Donations Receivable | | | 1,000.00 | | |
| 0066 | General | 3,000.00 | 8,596.00 | 3,200.00 | | 10,000.00 |
| | | **73,000.00** | **75,674.00** | **29,700.00** | | **40,000.00** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | | | | | |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **0.00** | **0.00** | | | **0.00** |
| | **TOTAL** | **769,953.00** | **535,364.00** | **183,760.00** | | **870,886.00** |

# Kunsill Lokali Birżebbuġa
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (Euro) | ACTUAL Jan-Sep 2011 (Euro) | Forcast Oct-Dec 2011 (Euro) | BUDGET 2012 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 13,386.00 | 4,840.00 | 1,450.00 | 9,612.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 60,000.00 | 43,434.00 | 13,700.00 | 52,000.00 |
| 1300 | Bonuses | 5,859.00 | | | 4,600.00 |
| 1400 | Income supplements | | | | |
| 1500 | Social Security contributions | 5,046.00 | 13,161.00 | 11,000.00 | 22,000.00 |
| 1600 | Allowances | 8,800.00 | 3,520.00 | 3,520.00 | 7,040.00 |
| 1700 | Overtime | | | | 700.00 |
| | | **93,091.00** | **64,955.00** | **29,670.00** | **95,952.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 11,000.00 | 6,530.00 | 2,143.00 | 8,500.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 26,000.00 | 18,583.00 | 8,414.00 | 26,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 96,000.00 | 75,688.00 | 18,500.00 | 93,000.00 |
| 2400 | Rent | 4,050.00 | 3,069.00 | 1,000.00 | 4,050.00 |
| 2500 | International memberships | 3,000.00 | 430.00 | 200.00 | 500.00 |
| 2600 | Office services | 17,000.00 | 10,275.00 | 4500 | 10,000.00 |
| 2700 | Transport | 21,000.00 | 15,898.00 | 5,300.00 | 21,000.00 |
| 2800 | Travel | 500.00 | | | |
| 2900 | Information services | 3,500.00 | 1,923.00 | 700.00 | 2,000.00 |
| 3000 | Contractual services | 285,000.00 | 214,252.00 | 86,040.00 | 300,000.00 |
| 3100 | Professional services | 7,000.00 | 16,766.00 | 1,500.00 | 10,000.00 |
| 3200 | Training | | | | |
| 3300 | Community and hospitality | 14,500.00 | 5,797.00 | 700.00 | 6,500.00 |
| 3400 | Incidental expenses | | 35.00 | 1,500.00 | |
| | | **488,550.00** | **369,246.00** | **130,497.00** | **481,550.00** |
| 7000 | Capital Expenditure | 10,000.00 | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | |
| 7100 | Construction | | | | |
| 7200 | Improvements | 5,000.00 | 54,293.00 | 8500 | 45,000.00 |
| 7300 | Equipment | 3,500.00 | 4,321.00 | 4000 | 4,000.00 |
| 7500 | Special programmes | 429700.00 | 63677.00 | 79000.00 | 451,895.00 |
| | | **448,200.00** | **122,291.00** | **91,500.00** | **500,895.00** |
| | **TOTAL** | **1,029,841.00** | **556,492.00** | **251,667.00** | **1,078,397.00** |

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (Euro) | ACTUAL Jan-Sep 2011 (Euro) | Forcast Oct-Dec 2011 (Euro) | | BUDGET 2012 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 696,953.00 | 459,690.00 | 154,060.00 | | 830,886.00 |
| 0020 | Bye-laws | 73,000.00 | 75,674.00 | 29,700.00 | | 40,000.00 |
| 0090 | Investment | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | 0.00 |
| | TOTAL | **769,953.00** | **535,364.00** | **183,760.00** | | **870,886.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 93,091.00 | 64,955.00 | 29,670.00 | | 95,952.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 488,550.00 | 369,246.00 | 130,497.00 | | 481,550.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 448,200.00 | 122,291.00 | 91,500.00 | | 500,895.00 |
| | TOTAL | **1,029,841.00** | **556,492.00** | **251,667.00** | | **1,078,397.00** |
| | **Balance** | **(259,888.00)** | **(21,128.00)** | **(67,907.00)** | | **(207,511.00)** |